# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Sitta (6) ta' Ottubru 2022**

**Rikors Numru 56/2016 FDP**

Fl-ismijiet

**George Ellul (K.I. 652559M),**
**u martu Grace Ellul**

**Vs**

**Melanie Cilia (K.I. 172276M)**

## Il-Qorti:-

1. Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 21 ta' Jannar 2016, li permezz tiegħu talbu s-segwenti:

    1. *Illi huwa ġie inkarigat minn Melanie Cilia l-konvenuta biex jagħmel xogħolijiet ta' kostruzzjoni u rikostruzzjoni fil-bini proprjeta' tal-istess konvenuta, u dan fil-fond 72, Triq il-Vitorja, Birkirkara.*

    2. *Illi l-partijiet kienu ftehmu fuq ix-xogħol li kellu jsir oriġinarjament, imma wara l-istess konvenuta bdiet iżżid xogħolijiet oħra, li kellha bżonn li fil-fatt irduppjat dak li kienet fasslet fl-ewwel stadju.*

    3. *Il-konvenuta fil-bidu kien ħallset akkont, imma meta beda għaddej ix-xogħol addizzjonali emmen li kienet se tħallas fl-aħħar, imma meta talab li jsir il-kont, il-konvenuta ma ħallsitx. Minflok hija qabdet u tterminat il-ftehim.*

    4. *Illi l-esponenti kien laħaq għamel xogħolijiet li b'kollox iġibu €23,000 li magħhom trid tiżdied it-taxxa fuq il-valur miżjud ta' €4,140 (b'kollox €27,140). Il-konvenuta ħallset l-ammont ta' € 12,000, u għalhekk baqa' bilanċ ta' € 15,140.*

    5. *Peress li l-konvenuta ma riditx tħallas kellha ssir din il-kawża.*

    ***Kawżali***

*Billi l-konvenuta inkarigat lill-attur George Ellul li jagħmel xogħol ta' kostruzzjoni u rikostruzzjoni fil-fond proprjeta' tagħha.*

*Billi dawn ix-xogħolijiet laħqu l-ammont ta' € 23,000 bit-taxxa fuq il-valur miżjud ta' €4,140, li minnhom il-konvenuta ħallset akkont ta' € 12,000 u għalhekk għadha debitriċi fl-ammont ta' € 15,140.*

***Talbiet***

*Tgħid il-konvenuta għala din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

*1. Tikkundanna lill-istess konvenuta li tħallas lill-atturi s-somma bilanċjali ta' €15,140 , ta' xogħol ta' kostruzzjoni u rikostruzzjoni fil-fond, xogħol magħmul fuq inkarigu tal-istess konvenuta.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 3698 tas-sena 2015, u bl-imgħaxijiet legali mill-istess ittra uffiċjali, u bl-inġunzjoni tal-konvenuta għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fl-4 ta' Marzu 2016, l-intimata Melanie Cilia irrispondiet għal dak mitlub billi qajmet is-segwenti difiżi:

*1. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet sussegwenti t-talba attriċi għall-kundanna ta' ħlas ta' €15,140 ma tista' qatt tintlaqa' stante li ma hiex preċeduta minn talba għal dikjarazzjoni li l-allegati xogħolijiet ġew effettwati u minn talba għal-likwidazzjoni tal-valur tal-allegati xogħolijiet;*

*2. Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u dawk sussegwenti, it-talba tal-atturi għandha tiġi miċħuda stante li l-konvenuta ħallset tax-xogħol kollu li ġie eżegwit mill-attur George Ellul;*

*3. Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u dawk sussegwenti, ma hux minnu li l-konvenuta qabdet u tterminat il-ftehim meta allegatament l-attur talab li jsir il-kont. Il-konvenuta kienet kostretta tittermina l-inkarigu mogħti lill-attur George Ellul u tali terminazzjoni kienet ġustifikata u għal raġunijiet validi fil-liġi in kwantu l-attur naqas li jeżegwixxi x-xogħolijiet fil-perjodu lilu mogħti, beda jeżegwixxi x-xogħolijiet b'dewmien esagerat u parti sostanzjali mix-xogħol li għamel l-istess attur kien xogħol ħażin u mhux skond is-sengħa u l-arti;*

*4. Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u dawk sussegwenti, l-konvenuta ġiet kostretta tidħol fi spejjeż addizzjonali u ħlas ta' danni sofferti minnha per konsegwenza ta' xogħol ħażin li ġie eżegwit mill-attur George Ellul u kif ukoll minħabba dewmien esagerat da parti tal-attur George Ellul u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ u t-trattazzjoni tal-kawża;*

*5. Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u dawk sussegwenti, l-ammont mitlub mill-attur lanqas jaqbel ma' dak mitlub preċedentement permezz tal-Ittra Uffiċjali bin-numru 3698/2015 u lanqas jaqbel mal-ammont li kien ġie kwotat u miftiehem mal-konvenuta;*

*6. Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u dawk sussegwenti t-talba tal-atturi għandha tiġi respinta bl-ispejjeż stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jiġi ppruvat waqt is-smigħ u t-trattazzjoni tal-kawża;*

*B'riserva ta' eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-atturi inkluż dawk tal-ittri uffiċjali datata tlieta (3) ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) bin-numru 4043/2015.*

## Provi:

3. Rat l-affidavit tar-rikorrent **George Ellul** ippreżentat fl-20 ta' April 2016 (fol 18).

4. Rat l-affidavit ta' **Walter Theuma**, persuna illi tissupplixi materjal ta' bini lir-rikorrent, ippreżentat fl-20 ta' April 2016 (fol 21).

5. Rat ix-xhieda ta' l-intimata **Melanie Cilia**, prodotta in subizzjoni mir-rikorrent u mogħtija fl-24 ta' Mejju 2016 (fol 24).

6. Rat ix-xhieda tal-**Perit Mark Anthony Muscat**, Perit ta' l-intimata, mogħtija fl-14 ta' Marzu 2017 flimkien mad-dokumenti minnu ppreżentati, partikolarment email datata 4 ta' Jannar 2017 fejn hemm elenku ta' "Extra Works" li allegatament għamel ir-rikorrent (fol 44).

7. Rat illi fl-14 ta' Marzu 2017, ir-rikorrenti għalqu il-provi tagħhom.

8. Rat ix-xhieda, in kontro eżami, ta' George Ellul datata 2 ta' Mejju 2017 (fol 58).

9. Rat li fit-3 ta' Mejju 2017, il-Qorti innominat lill Perit Tekniku il-**Perit Marie Louise Caruana Galea** biex taċċedi fuq il-post u tisma' lill-partijiet rigward il-pretensjonijiet tagħhom.

10. Rat illi din il-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-atti fis-17 ta' Otubru 2019.

11. Rat li ġie ppreżentat ir-rapport tal-Perit Marie Louise Caruana Galea ppreżentat fid-9 ta' Lulju 2020 (fol 114) fejn kien hemm is-segwenti xhieda li rat il-Qorti:

    a. Rat ix-xhieda ta' **Mark Demicoli** datata 21 ta' Marzu 2018, waqt is-seduta miżmuma mill-perit tekniku (fol 163).

    b. Rat ix-xhieda tal-Perit Matthew Camilleri datata 19 ta' April 2018 waqt is-seduta miżmuma mill-Perit Tekniku (fol 174).

    c. Rat ix-xhieda ta' Melanie Cilia datata 23 ta' Mejju 2018 waqt is-seduta miżmuma mill-Perit Tekniku (fol 179).

    d. Rat ix-xhieda ta' Melanie Cilia datata 24 ta' Ottubru 2018 waqt is-seduta miżmuma mill-Perit Tekniku. (fol 189).

    e. Rat ix-xhieda tal-Perit Mark Anthony Muscat datata 22 ta' Novembru 2010 waqt is-seduta tal-Perit Tekniku (fol 198).

    f. Rat ix-xhieda ta' Walter Theuma fis-17 ta' Diċembru 2018 (fol 204).

    g. Rat ix-xhieda ta' Joseph Saliba fis-17 ta' Diċembru 2018 u fil-11 ta' Frar 2019 waqt is-seduti miżmuma mill-Perit Tekniku (fol 208-212).

    h. Rat ix-xhieda tal-attur in kontro-eżami datata 13 ta' Novembru 2019 f'seduta miżmuma mill-Perit Tekniku (fol 215).

    i. Rat ix-xhieda ta' Melanie Cilia in ri-eżami datata 27 ta' Novembru 2019 f'seduta miżmuma mill-Perit Tekniku (fol 219).

    j. Rat ix-xhieda ta' Mark Demicoli in kontro-eżami datata 27 ta' Novembru 2019 f'seduta miżmuma mill-Perit Tekniku (fol 224).

k. Rat ix-xhieda ta' Robert Desira datata 14 ta' Jannar 2020 f'seduta miżmuma mill-Perit Tekniku (fol 227).

12. Rat it-tweġibiet għad-domandi in eskussjoni tal-konvenuta tal-Perit Marie Louise Caruana Galea ippreżentata fil-11 ta' Frar 2021 (fol 285).

13. Rat it-tweġibiet għad-domandi in eskussjoni tal-attur mill-Perit Marie Louise Caruana Galea ippreżentata fit-18 ta' Marzu 2021 (fol 291A).

14. Rat ix-xhieda tal-Perit Tekniku Marie Louise Caruana Galea in eskussjoni permezz ta' *video conference* datata 8 ta' Ġunju 2021 (fol 301).

15. Rat li fis-6 ta' Ottubru 2021 il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet wara li ngħalqu l-provi tal-partijiet.

16. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' George Ellul ippreżentata fis-6 ta' Ottubru 2021(fol 306).

17. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Melanie Cilia ippreżentata fit-18 ta' Frar 2022 (fol 310).

18. Rat illi fis-16 ta' Marzu 2022, il-konsulent legali tar-rikorrent talab illi jittratta ulterjorment oralment.

19. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fis-26 ta' Mejju 2022.

20. Rat illi fis-26 ta' Mejju 2022 il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Fatti tal-każ**

21. Jirriżulta li l-intimata Melanie Cilia inkarigat lill-attur George Ellul sabiex jagħmel xogħolijiet fid-dar li xtrat ossija, <u>72, Triq il-Vitorja, B'kara</u>.

22. Jirriżulta lir-rikorrent kien oriġinarjament taha stima ta' €15,000. Sussegwentement, meta l-partijiet ftehmu fuq xogħolijiet ulterjuri li kellhom isiru, [ie maqbul li x-xogħolijiet kollha ma kellhomx jeċċedu l-€ 20,380, li kellu jinkludi l-materjal li tħallas minn Ellul, u x-xogħol kellu jitlesta sa April 2015. Tali ftehim sar bejn il-partijiet mingħajr l-assistenza ta' ebda persuni professjonali u sar verbalment u mhux bil-miktub.

23. Jirriżulta li oriġinarjament, meta beda x-xogħol fil-bidu, l-intimata ħallset l-ammont ta' € 2,000 fl-14 ta' Frar 2015, u l-ammont ta' € 10,000 fl-24 ta' Frar 2015. Jirriżulta li saret ukoll skrittura datata 24 ta' Frar 2015 dwar dan il-ħlas.

24. Jirriżulta li sussegwentement ir-rikorrent ma baqax jesegwixxi ix-xogħol regolarment.

25. Jiriżulta li l-Perit ta' l-intimata tat terminu lir-rikorrent sal-5 ta' Awissu 2015 biex ilesti iżda x-xogħol ma tlestiex.

26. Jirriżulta mill-provi li r-rikorrent qed jilmenta li ma tħallasx tar-rimanenti xogħol u l-intimata, da parte tagħha, qed tilmenta mill-fatt li x-xogħol ma sarx u dak li sar, ma sarx skont is-sengħa u l-arti.

27. Jirriżulta li fir-rapport tal-**Perit Tekniku Marie Louise Caruana Galea** ġie konkluż is-segwenti:

    1. Illi s-somma bilanċjali miltuba mir-rikorrenti hi magħmula kemm minn xogħolijiet li kienu miftehma fi stima oriġinali ta’ €15,000 (inkluż VAT) kif ukoll x-xogħol extra li jammonta għal €9,340, li b’kollox jammontaw għal €24,340.
    2. Illi minn din is-somma sħiħa wieħed inaqqas l-ammont ta’ €12,000 li ħallset il-konvenuta lill-attur.
    3. Illi fin-nuqqas ta’ kjarezza fuq l-element tal-VAT, il-Perit Tekniku kkonkludiet li l-istimi li ngħataw mill-attur kienu eskluż il-VAT, dan għaliex fix-xhieda il-konvenuta qalet li lanqas staqsiet lill-attur għall-irċevuta la jitlesta x-xogħol.
    4. Illi dwar ix-xogħolijiet illi attwalment għamel ir-rikorrent, il-Perit Tekniku għamlet is-segwenti konklużjonijiet:
        a. fuq dawk ix-xogħolijiet li kienu jaqgħu taħt l-istima oriġinali, r-rikorrent għamel xogħolijiet fl-import ta’ €10,935 (għaxart elef, disa’ mija u ħamsa u tletin Euro).
        b. fuq dawk ix-xogħolijiet li kienu jaqgħu taħt xogħol extra, ir-rikorrent għamel xogħolijiet fl-import ta’ €6,820 (sitt elef, tmien mija u għoxrin Euro).
        c. Illi għalhekk, l-import totali tax-xogħolijiet li saru mir-rikorrent kien ta’ €17,755 (sbatax il-elf, sebgħa mija u ħamsa u ħamsin Euro).
    5. Illi minn l-ammont dovut ta’ €17,755, għandu jitnaqqas l-ammont ġia mħallas, ta’ €12,000, u għalhekk l-ammont dovut lill-attur mill-konvenuta huwa ta’ €5,755 (ħamest elef, seba’ mija u ħamsa u ħamsin Euro).
    6. Illi mix-xhieda jirriżulta li x-xogħolijiet, bdew fi Frar 2015 u skont l-attur kellhom jitlestew f’xahrejn u skont il-Perit Matthew Camilleri fi żmien tlett xhur massimu erba’ xhur. Madanakollu, mix-xhieda jirriżulta li għall-bidu ta’ Awissu 2015, il-konvenuta waqqfet lill-attur mix-xogħol minħabba dewmien esaġerat. Il-Perit Tekniku tikkonkludi li x-xogħol dam minħabba żewġ fatturi: il-fatt li l-konvenuta żiedet xogħolijiet li ma kinux ftehmu fuqhom oriġinarjament kif ukoll minħabba nuqqas ta’ impenn serju u konsistenza kontinwa fuq il-post tax-xogħol minn naħa tal-attur.
    7. Illi fuq l-allegazzjoni ta’ danni addizzjonali sofferti mill-konvenuta, waqt ix-xhieda jirriżulta li d-danni li sofriet il-konvenuta u li ġew eżebiti bħala evidenza waqt is-smigħ tax-xhieda, huma tal-kirja żejda mix-xahar ta’ Lulju 2015 meta kien miftiehem li jitlesta x-xogħol, sa Novembru 2015. Mid-dokumenti eżebiti u xhieda dan jammonta għal €1,580 (elf, ħames mija u tmenin Euro).

28. Jirriżulta li għad-domandi in eskussjoni tar-rikorrenti, il-Perit Tekniku wieġbet li fin-nuqqas ta’ kuntratt ta’ xogħolijiet, kif titlob il-prassi, qieset li kkunsidrat ix-xogħolijiet kollha kif minnha elenkati fid-dokument minnha redatt a fol 275 (Dok P4), li huwa analiżi dettaljata tal-konklużjonijiet tagħha b’mod tabulari, u xogħol ieħor ma tniżżilx f’din it-tabella. L-irranġar tal-kamra tat-tifla ma ġiex ikkunsidrat. B’referenza għal xogħolijiet fil-ħajt tas-sejjiegħ, xorok fil-kantina, art tal-bitħa bix-xibka, il-perit wieġbet li dawn ma kinux imniżżla fid-dokument eżebit mir-rikorrenti (Dok A), u fin-

nuqqas ta' kuntratt ta' xogħolijiet, hija bbażat il-konklużjonijiet fuq id-dokumenti u x-xhieda fl-atti. Fir-rigward ta' xogħol ta' ħamrija fil-bitħa kollha wieġbet li kien hemm verżjonijiet kontrastanti fix-xhieda fuq dan il-punt. Dwar it-travu li ried jinbidel sostniet li dan kien xogħol 'extra'. Dwar dan il-punt sostniet ukoll, li dwar kontijiet tat-travi, m'hemmx biżżejjed evidenza li ntużaw fuq il-post mertu tal-każ. Dwar tnaqqis ta' l-ammont ta' €150 għall-qlugħ ta' siġar mill-ammont ta' €5,755, sostniet li dan ix-xogħol kien xogħol 'extra' mhux indikat, u t-tnaqqis ta' €1,580 minħabba l-kera, din hi deċiżjoni tal-Qorti.

29. Jirriżulta li għad-domandi in eskussjoni ta' l-intimata, il-Perit Tekniku wieġbet permezz ta' *video conference*, li fin-nuqqas ta' kuntratt ta' xogħolijiet, hija qagħdet biss fuq id-dokument eżebit mir-rikorrent (Dok A), u dawk ix-xogħolijiet 'extra' indikati f'dokument ieħor. Ikkonfermat, li rigward permessi, kull ma ġew intavolati kienu l-pjanti li qegħdin annessi mar-rapport. Reġgħet irrepetiet li fin-nuqqas ta' kuntratt, straħet fuq Dok A, mhux biex toqgħod fuq il-verżjoni ta' l-attur. Ikkjarifikat ukoll li hija ma straħitx fuq ix-xhieda kollha mogħtija għaliex kien hemm xhieda li mhijiex kredibbli, b'hekk ma ħaditx l-evidenza kollha bħala stat ta' fatt. Wieġbet ukoll meta mistoqsija dwar l-invoices prodotti mill-intimata, li ma ratx riċevuti dwar travi tal-ħadid.

## L-ewwel eċċezzjoni preliminari

30. Ġie eċċepit preliminarjament, li t-talba tar-rikorrenti ma tistax tirnexxi stante li mhijiex preċeduta minn talba għal dikjarazzjoni li l-allegati xogħolijiet ġew effettwati u minn talba għal likwidazzjoni tal-valur ta' tali xogħolijiet.

31. Jibda biex jingħad, li din il-Qorti mhijiex ser toqgħod biss fuq l-konklużjonijiet u talbiet tar-rikorrenti. Dana qed jingħad, għax sabiex tasal għal deċiżjoni, jrid jiġi mistħarreġ, jekk ix-xogħol ġiex eżegwit minnu fl-intier, kif qed jikkontendi l-istess rikorrent. Għalkemm, m'hemmx talba għal-likwidazzjoni ta' l-imsemmija xogħolijiet, fir-rikors promotur, huwa evidenti li l-Qorti wara l-istħarriġ tagħha, ser tqis jekk huwiex il-każ li ssir il-likwidazzjoni tal-valur tax-xogħolijiet o meno.

32. F'dan il-kuntest, relevanti huwa dak ċitat fil-kawża **Moore noe vs Falzon et** deċiża mill-Prim' Awla fil-15 ta' Diċembru 1995, u fil-każ **Mario Mizzi noe et vs Mario Grech noe et**, fejn ingħad:

> *"... illi il-liġi ma tirrikjedix kliem partikolari għal kif għandha ssir iċ-ċitazzjoni, biżżejjed jiftiehem xi jkun qiegħed jitlob l-attur, b'mod li l-kawżali tista' tkun espressa lakonikament, u saħansitra tista' tkun anke dedotta mid-domanda. (Kollezz. XXXIV.II.501, XXIX.I.143 u XXXII.I.228)."*

33. Fid-dawl ta' dan l-insenjament, qed jiġi dikjarat li dan eċċepit ma jreġġix.

34. Għalhekk, tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' l-intimata.

## Kunsiderazzjonijiet fil-mertu

35. Permezz tal-każ odjern, ir-rikorrenti qed jitolbu li l-intimata tiġi kkundannata tħallas l-ammont ta' € 15,140 li huwa bilanċ ta' xogħol ta' kostruzzjoni u rikostruzzjoni fil-fond 72, Triq il-Vitorja Birkirkara magħmul fuq inkarigu ta' l-istess intimata.

36. Minn naħa l-oħra, ġie eċċepit mill-intimata Melanie Cilia, li hija ħallset għax-xogħol kollu, u hija kienet kostretta tittermina l-inkarigu mogħti lir-rikorrent, peress li kien hemm dewmien fix-xogħol tiegħu u xogħlu ma kienx skont is-sengħa u l-arti. Inoltre`, sostniet fl-istess risposta tagħha li daħlet fi spejjeż addizzjonali u danni konsegwenza tax-xogħol ħażin ta' George Ellul. Kompliet tgħid li t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi respinta peress li dak mitlub fir-rikors odjern ma jaqbilx ma dak mitlub preċedentement fl-ittra uffiċjali 3698/2015 u lanqas ma' l-ammont miftiehem.

37. Jibda biex jingħad, li huwa evidenti li l-każ odjern jitratta kuntratt ta' appalt bejn il-kontendenti, liema kuntratt ta' appalt kien jikkonsisti f'xogħol ta' kostruzzjoni fil-fond ta' l-intimata ossija l-fond 72, Triq il-Vitorja B'kara.

38. Madankollu, għalkemm dan huwa każ ta' appalt, huwa l-appaltatur li qed jipproċedi sabiex jiġbor ir-rimanenti flus pretiżi minnu. Huwa rassodat fil-ġurisprudenza, li jinkombi fuq l-appaltatarju li jippresta xogħol idoneju u adattat li jaqdi l-funzjonijiet li għalih ikun sar l-appalt, b'hekk ix-xogħol irid isir skont is-sengħa u l-arti.

39. Fil-każ odjern jirriżulta ampjament ċar, mill-provi fl-atti tal-każ kif ukoll mir-rapport tal-Perit Tekniku, li inizjalment l-intimata u r-rikorrent kienu ftehmu fuq lista ta' xogħolijiet liema xogħolijiet jinsabu indikati f' Dok A a fol 3 tal-proċess, imħejji mill-istess rikorrent. Jirriżulta li sussegwentement, l-intimata, inkarigat lir-rikorrent b'xogħolijiet addizzjonali. Dan huwa fatt inkontestat bejn il-partijiet.

40. Fatti oħra saljenti huma, li l-intimata kellha l-Perit ta' fiduċja tagħha, Matthew Camilleri. Fatt ieħor inkontestat huwa li Melanie Cilia ħallset diġa' ammont lir-rikorrent George Ellul. Iżda, m'hemmx qbil fuq il-ħlas li sar. Għalkemm fil-provi, jidher li kien hemm qbil li l-intimata ħallset l-ammont ta' €12,000, l-intimata Melanie Cilia qed tikkontendi fis-sottomissjonijiet, li ħallset l-ammont ta' €14,218.42. Iżda, r-rikorrent isostni li ħallset l-ammont ta' €12,000. Hija ħallset parti biss mix-xogħolijiet, għaliex sostniet li ma kinitx sodisfatta bix-xogħol tar-rikorrent. Fil-fatt, l-ilment tagħha huwa prinċiplament dwar id-dewmien, jiġifieri, ir-rikorrent ma lestiex ix-xogħol fit-terminu stabbilit, kif ukoll li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti.

41. Din il-Qorti ser tibda biex tagħmel referenza għall-konklużjonijiet raġġunti mill-Perit Tekniku inkarigat mill-Qorti, il-Perit Marie Louise Caruana Galea. Il-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku huma diġa' sopraċitati. Iżda dwar l-ammont mitlub, ikkonstatat is-segwenti:

> *"(4)Illi fil-konklużjoni tal-esponenti (Dok P4) l-ammont finali dovut fuq dawk ix-xogħolijiet li kienu jaqgħu taħt l-istima oriġinali huma ta' €10,935 (għaxart elef, disa' mija u ħamsa u tletin Euro)."*
>
> *(5) Illi fil-konklużjoni tal-esponenti (Dok P4) l-ammont finali dovut fuq dawk ix-xogħolijiet li kienu jaqgħu taħt xogħol extra huma ta' €6,820 (sitt elef, tmien mija u għoxrin Euro).*
>
> *(6) Illi għaldaqstant l-ammont dovut lill-attur mill-konvenuta huwa ta' €5,755 (ħamest elef, seba' mija u ħamsa u ħamsin Euro). €17,755 – €12,000) (Ġie spjegat li l-ammont inħadem hekk: l-ammont ta' €10,935 + €6,820 = €17,755 – €12,000 (dak l-ammont li l-intimata diġa ħallset)."*

42. Di piu`, kemm fir-rapport tagħha, kif ukoll in eskussjoni, il-Perit Tekniku, sostniet, li hija bbażat il-konklużjonijiet tagħha fuq il-provi, ix-xhieda, u d-dokumenti u għamlet hekk, fil-karenza ta' kuntratt ta' appalt bil-miktub bejn George Ellul u Melanie Cilia.

43. L-intimata, fis-sottomissjonijiet tagħha, opponiet għall-fatt li l-Perit Tekniku ibbażat il-konklużjonijiet u l-kalkolazzjonijiet tagħha abbażi ta' Dok A imħejji mir-rikorrent għaliex tgħid li dak mhuwiex kuntratt ta' appalt iżda ġie mħejji mir-rikorrent wara t-terminazzjoni ta' l-inkarigu u mhux oriġinarjament meta ngħata l-inkarigu. L-intimata, fis-sottomissjonijiet tagħha, issottolineat li ma kienx kompitu tal-Perit Tekniku li tirreferi għall-pjanti tad-DNO, u biex tidħol tara l-permessi u l-istimi li kien hemm. Iżda, kien proprju il-Perit Mark Anthony Muscat, li kien inkarigat mill-intimata biex japplika għal-alterazzjonijiet interni u fil-faċċata tal-fond li eżebixxa l-pjanti relatati mad-DNO. Fi ftit kliem l-intimata qed tikkontendi li l-Perit Tekniku kellha toqgħod fuq il-verżjoni mogħtija mill-istess intimata, kif korroborata minn Mark Demicoli li kien ukoll preżenti meta sar il-ftehim verbali mar-rikorrent dwar l-inkarigu tax-xogħol.

44. Minn naħa l-oħra, ir-rikorrent, ukoll sostna fis-sottomissjonijiet tiegħu li ma jaqbilx mal-konklużjonijiet tal-perit, għaliex ovvjament ma qabilx ma' l-ammont li għandu jitħallas kif komputat mill-Perit Tekniku. Fil-fatt, fis-sottomissjonijiet tiegħu, jelenka diversi ammonti illi tħallew barra mill-Perit Tekniku, għal diversi xogħolijiet.

45. Bla ebda dubju, fil-każ in eżami, jirriżulta li ngħatat xhieda kontrastanti mill-partijiet, billi kull parti issostni li l-verżjoni tagħha hija veritjera. Infatti, kien b'hekk li ġew imsemmija aktar 'il fuq il-fatti inkontestati. Referibbilment għal x'kien l-inkarigu oriġinali, x'kien ix-xogħol addizzjonali li l-intimata talbet lir-rikorrent jeżegwixxi, fuq dawn il-punti m'hemmx qbil bejn il-partijiet. Inoltre`, m'hemmx qbil li x-xogħol li wettaq ir-rikorrent ma sarx skont is-sengħa u l-arti kif qed tikkontendi l-intimata. Lanqas ma jirriżulta li hemm qbil fuq dak li għandu jitħallas lir-rikorrent, kemm-il darba hemm ħlas li għadu dovut lilu.

46. F'każ ta' xhieda kontrastanti, u żewġ verżjonijiet differenti, fil-ġurisprudenza, fosthom fil-każ **Chef Choice Limited vs Raymond Galea et** deċiż mill-Prim' Awla (JRM) fis-26 ta' Settembru 2013, ġie ribadit hekk:

> *"..il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-permessi għat-talbiet tagħha b'mod li jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti imħarrka (Ara App. Inferjuri **Hans J. Link et vs Raymond Mercieca** – 12 ta' Jannar 2001). Il-fatt li l-parti imħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti imħarrka. Minn naħa l-oħra, il-fatt li parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaqx provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha. (Ara Appell Inferjuri **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil** (PS – 7 ta' Mejju 2010)."*

47. Hekk ukoll fil-każ **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi**, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-12 ta' April 2007, ingħad:

> *"il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. (Ara wkoll* ***Dr. Ian Vella Galea noe vs Alistair Tulloch Robert Clifford****, Prim' Awla (JZM) deċiża fis-26 ta' Mejju 2016).*

48. F'dan il-kuntest, huwa relevanti wkoll il-każ **Martin Cassano vs Alessandro Cassano** deċiż mill-Prim' Awla (JZM) fl-14 ta' Lulju 2016, fejn intqal:

> *"Il-ġudikant fil-kamp ċivili għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, u meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibiltajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħal ma hija bbażata fuq il-preponderanza ta' probabbiltajiet."*

49. Kif ritenut ukoll fil-każ **Moviment Azzjoni Soċjali vs Noel Borg** (9188/2007/1) deċiż mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju 2014:

> *"Din il-Qorti tgħid li għal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja* ***Borg vs Bartolo*** *deċiż mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-25 ta' Ġunju 1980. Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbiltajiet."*

50. Minkejja l-fatt, li kemm ir-rikorrenti u l-intimata Cilia ma jaqblux fuq il-punti saljenti mertu ta' din il-vertenza, jidher li jaqblu fuq punt wieħed – li din il-Qorti għandha tiskarta l-konklużjonijet peritali! Fil-fatt, kemm fis-sottomissjonijiet u kemm fit-trattazzjoni, ir-rikorrenti u l-intimata jissottomettu, li din il-Qorti m'għandhiex toqgħod mal-konklużjonijiet peritali f'dan il-każ kif ikkonstatat mill-Perit Tekniku Marie Louise Caruana Galea.

51. Madankollu, meta kkunsidrati l-provi, id-dokumenti u l-verżjonijiet tal-partijiet, din il-Qorti trid tistħarreġ il-fatti fuq il-provi in atti. Inoltre`, trid tqis jekk dak li l-intimata Cilia qed tilmenta minnu, ossija id-dewmien u li x-xogħol tar-rikorrent ma kienx skont is-sengħa u l-arti ġiex ippruvat għas-sodisfazzjon tal-Qorti.

52. Fil-fatt, dwar l-obbligi tal-appaltatur il-ġurisprudenza nostrana taqbel li l-appaltatur mhux biss għandu jeżegwixxi x-xogħol mertu tal-appalt, iżda għandu jassikura wkoll li dak ix-xogħol ikun jiswa kemm għal dak li hija Bonta` kif ukoll dik li hija adattabilita` għall-użu li għalih l-appaltant ikun għamel l-ordni. Għalhekk jekk hu jagħmel ix-xogħol ħażin, lanqas ma huwa eskluż mir-responsabbilta` minħabba li hu jkun qagħad għal dak li ried il-kommittent (Kollez. Vol. XL PI p485). Jinkombi fuqu b'dover '*di resistere ad ordine che egli vedesse pregudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell'arte* (Kollez. Vol.XXV PI p727). (Ara **Joe u Antonella Xerri vs Caruana & Cini Company Limited** (185/1999/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' April 2012.

53. Fis-sentenza **Joseph Schembri vs Emanuel Caruana** (534/1993) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fid-9 ta' Ottubru 2003, saret referenza għall-każ **Mallia vs Fonk** deċiża fl-24 ta' Jannar 1975 fejn ingħad:

> *"L-imprenditur hu tenut jeżegwixxi l-kuntratt mhux kif jidhirlu hu imma 'bene e a regola d'arte secondo i patti stabbiliti', u fejn ma hemmx patti espresso, l-eżekuzzjoni għandha ssir skont l-intenzjoni tal-partijiet li żgur li ma kinitx li kellu jingħata xogħol ħażin."*

54. Fis-sentenza **Pierre Darmanin vs Moira u Christopher konjuġi Agius** (323/2002/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2004 ġew enunċjati dawn il-prinċipji dwar appalt:

> *"Bħala l-ewwel prinċipji huwa dottrinalment u ġurisprudenzjalment riċevut illi l-appaltatur għandu l-obbligu li jeżegwixxi x-xogħol lilu kommess fis-sens li huwa għandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xogħol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. L'imprenditore ha l-obbligo di eseguire bene l-opera commessagli, seconda i dettami dell arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria. (Kollez Vol XXVII pI p373) Dan fis-sens li hu "għandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xogħol tiegħu" (Kollez. Vol. XL PI p485).*
>
> *L-appaltatur li jeżegwixxi ħażin ix-xogħol li jifforma l-oġġett ta' l-appalt huwa responsabbli għad-dannu kollu li jiġi minn dik l-eżekuzzjoni ħażina (Kollez. Vol XXXVII pIII p883). Għax kif jinsab ritenut ukoll 'f'każ bħal dan huwa għandu mill-ewwel ma jagħmilx ix-xogħol jew ikollu jirrispondi għad-difetti li jiġu l-quddiem." (**Mario Blackman vs Carmelo Farrugia et noe**, Appell Kummerċjali deċiż fis-27 ta' Marzu 1972)."*

55. Għalhekk ix-xogħol eżegwit mill-appaltatur għandu jkun ta' riżultat sodisfaċenti u mingħajr ħsara. Jirriżulta, mill-provi prodotti, li l-intimata waqqfet l-inkarigu ta' George Ellul u pproċediet billi tat inkarigu ta' xogħolijiet lil terzi. Ġie speċifikatament indikat, mill-Perit Tekniku, fejn ix-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti. Ġie konstatat li hemm tlett ċirkostanzi fejn ix-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti;

    a. fil-ftuħ tal-ħajt u t-tqegħid tat-travi, għaliex it-travi ma ġewx miżbugħa kontra s-sadid, (ġie kkalkulat biss il-prezz tal-fetħa u x-xiri tat-travi);
    b. il-bini tal-ħajt tas-sejjiegħ sar mingħajr l-awtorizzazzjoni u konsultazzjoni mal-perit, (l-ammont oriġinali tnaqqas b'ħamsin fil-mija (50%);
    c. il-fetħa tal-ħajt dobblu għall-gwardarobba ġie imberfel bir-ramel u s-cement mill-bajjad mhux mir-rikorrent, u ma nbeniex ħajt ġdid biex warajh jintela' bil-konkos kif titlob is-sengħa u l-arti (l-ammont ta' €700 tnaqqas għal €400).

56. Ġie ukoll konstatat li t-travi tqiegħdu mingħajr ma ġew miżbugħa, u dan jinsab ukoll ikkonfermat mill-Perit Matthew Camilleri.

57. Għaldaqstant, ladarba stabbilit, u ġie speċifikatament indikat mill-Perit Tekniku li l-imsemmi xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti, il-pretensjonijiet tar-rikorrent li jitħallas għax-xogħol kollu eżegwit (ix-xogħol oriġinali kollu u x-xogħol extra) mhijiex waħda mistħoqqa. Dan anke għaliex, jirriżulta mill-provi, li xi xogħol indikat f'Dok A a fol 3 tal-proċess, fosthom, tkissir u rimi ta' saqaf tal-bitħa u qlugħ ta' opramorta u

irranġar ta' garigor, ma ġewx eżegwiti mir-rikorrent iżda minn terzi, u l-Perit ħadet konjizzjoni ta' dan fil-kunsiderazzjonijiet tagħha.

58. Din il-Qorti ikkunsidrat ukoll, il-verżjoni tal-kalkoli kif imressqa mill-partijiet u kif ikkonstatat mill-Perit Tekniku. Ir-rikorrent sostna li l-intimata ħallset l-ammont ta' €12,000 mill-ammont ta' €23000 (li jinkludi x-xogħol extra li ġie inkarigat) u VAT ta' €4,140. Fil-kalkoli tagħha fis-sottomissjonijiet l-intimata sostniet, li minn ammont totali ta' €20,380, bil-VAT b'kollox, hija ħallset l-ammont ta' €14,218.42. Dan jirriżulta fl-elenku imħejji a fol 320 tal-proċess fis-sottomissjonijiet.

59. Minn naħa l-oħra l-Perit Tekniku, fir-rapport ta' kalkoli dettaljati, li hija annettiet mar-rapport bħala Dok P4 a fol 275 tal-proċess, jidher li elenkat wara li spezzjonat kull 'item' ta' xogħol eżegwit fil-fond in kwistjoni. Mit-total ta' stima ta' xogħol fl-istima oriġinali u xogħol 'extra' b'total ta' €10,935 taħt l-istima oriġinali u €6,820 taħt l-istima ta' xogħolijiet 'extra'. Meta imnaqqas l-ammont ta' €12,00 li diġa' tħallas lir-rikorrent mill-intimata, l-ammont dovut skont il-Perit Tekniku huwa ta' €5,755.

60. Jiġi puntwalizzat, fl-ewwel lok, li ċertament ir-rikorrent m'għandux raġuni valida li jippretendi li jitħallas tas-somma komplessiva rappreżentanti l-lista tax-xogħolijiet, ladarba irriżulta li kien hemm xogħolijiet mhux eżegwiti minnu iżda minn terzi u ladarba jirriżulta wkoll li kien hemm xogħol li sar mhux skont is-sengħa u l-arti.

61. Fit-tieni lok, il-pretensjoni ta' l-intimata mhijiex kostanti stante li inizzjalment fix-xhieda taqbel li ħallset l-ammont ta' €12,00 lil George Ellul. Sussegwentement, fis-sottomissjonijiet issostni li ħallsitu l-ammont ta' €14,218,42. Inoltre`, l-istess intimata ikkonfermat li x-xogħol kollu eżegwit mir-rikorrent kien jammonta għal €20,380. Għaldaqstant, il-fatt, li hija qed issostni li sofriet telf ta' flus u danni sabiex tnaqqas dak li għadu dovut u tiskarta l-istimi magħmula mill-Perit Tekniku, ma jreġġix.

62. Għalhekk, din il-Qorti, ser toqgħod parzjalmanet fuq dak ikkonstatat mill-Perit Tekniku minnha maħtur għaliex ma jirriżultawx raġunijiet gravi li jpoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika, speċifikatament dwar il-parir tekniku tal-espert dwar il-mod kif ġie eżegwit ix-xogħol, kif ukoll dwar il-kalkoli magħmula mill-Perit Tekniku. Nonostante l-kritika tal-partijiet għall-konklużjoni aġġunta mill-Perit Tekniku ma jirriżultax li intalbu periti perizjuri.

63. Hawnhekk, il-Qorti tagħmel referenza għall-**Artikolu 681 tal-Kap 12** li jipprovdi hekk:

> *"Il-Qorti mhijiex marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha innifisha."*

64. Madankollu, din il-Qorti tirribadixxi li *il giudizio dell arte* espress mill-Perit Tekniku ma jistax, u m'għandux jiġi skartat, aktar u aktar jekk il-parti interessata jew il-partijiet ma jkunux ipprevalew ruħhom mill-fakolta` mogħtija ta' talba għan-nomina ta' periti addizzjonali, a meno che ma jkunx jidher li l-konklużjonijiet peritali huma fil-kumpless tagħhom irraġonevoli. (Ara f'dan is-sens **Philip Grima vs Carmelo Mamo**, Appell Ċivili deċiż fid-29 ta' Mejju 1998; **Sammy Tabone vs Carmelo Tabone et**, Appell Ċivili deċiż fil-5 ta' Ottubru 2001; **Giswarda Bugeja et vs Emmanuele Muscat et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Ġunju 1967 LI.i.390).

65. Għalhekk, għalkemm il-Qorti mhijiex tenuta taċċetta l-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjonijiet tagħha stess, dan ma jistax isir b'mod kapriċċjuż, iżda jrid ikun hemm raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika. Fil-każ in eżami dawn ir-raġunijiet gravi ma jissussistux.

66. F'dan il-kuntest relevanti huwa dak ribadit fil-kawża **Raymond Mallia noe vs Martin Mizzi noe** (102/1994/3) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-28 ta' Mejju 2003, fejn ingħad li għandha tingħata piż lill-fehma teknika li m'għandhiex tiġi leġġerment injorata.

67. Għaldaqstant, din il-Qorti ser tindika fejn ser timxi mar-rapport tal-Perit Tekniku u fejn le.

68. Referibbilment għall-istimi u l-kalkolu kif stmat wara l-aċċess tal-perit, kif elenkat f'Dok P4 a fol 275 anness mar-rapport tal-Perit. Kif diġa' spjegat, ix-xhieda kontrastanti u l-argumenti kontrastanti tal-partijiet fis-sottomissjonijiet mhijiex prova, raġuni gravi u suffiċjenti biex twaqqa' dak ikkonstatat mill-Perit Tekniku, u għalhekk il-Qorti **taqbel** mal-konklużjonijet peritali relatati ma' l-istess.

69. B'referenza għall-VAT fuq l-ammont dovut, hawnhekk il-partijiet ukoll kellhom verżjonijiet kontrastanti. Jirriżulta li Dok A a fol 3 tal-proċess, imħejji mir-rikorrent jgħid fl-ewwel paġna dwar l-stima oriġinali ta' €15,000 li dan l-ammont huwa 'VAT not included'. Iżda dan id-dokument ġie mħejji biss mir-rikorrent u iffirmat mir-rikorrent biss. Minn naħa l-oħra, l-intimata sostniet fix-xhieda tagħha, li meta hija ħallset lir-rikorrent hija ma talbitux riċevuta.

70. Fi-dawl ta' dawn ir-riżultanzi fattwali, jidher evidentement, li l-partijiet għamlu kollox verbalment, mingħajr ebda kuntratt ossija skrittura bejniethom tax-xogħolijeit li gie inkarigat jagħmel ir-rikorrent. Ir-rikorrent ħa l-izbrigu li jelenka ix-xogħolijiet ta' l-istima originali u dawk ix-xogħolijiet extra f'Dok A a fol 3. Madankollu, ma jistax jingħad meta gie imħejji dan id-dokument u ma jistax jingħad, li dan id-dokument jorbot lill-partijiet. Di piu`, meta sar il-ħlas ta' €12,000 da parti ta' l-intimata ma għaddiet l-ebda ricevuta għal dan il-ħlas.

71. Għalhekk, fil-karenza tal-prova din il-Qorti **taqbel** mal-kostatazzjoni tal-Perit dwar il-VAT, għaliex fin-nuqqas ta' kjarezza u fiċ-ċirkostanzi, li l-partijiet ma għamlu xejn bil-miktub lanqas riċevuta tal-ħlas, din il-Qorti taqbel li l-istimi kienu esklużi l-VAT.

72. Għaldaqstant, il-Qorti tiddikjara li fuq l-ammont dovut mill-intimata ta' €5,755 għandu jiżdied il-VAT.

73. Dwar l-aħħar punt ikkunsidrat mill-Perit fil-konklużjonijiet, ossija dwar danni sofferti mill-intimata, din l-Qorti **ma taqbilx** mal-konklużjonijiet u mhijiex ser tagħmel tagħha il-konklużjonijiet peritali, u dan peress li meta l-intimata qed tivvanta ħlasijiet u danni, konsegwenza tax-xogħol tar-rikorrent, dan għamlitu biss bl-allegazzjonijiet tagħha f'dan il-każ, fl-eċċezzjonijiet, fix-xhieda u fis-sottomissjonijiet, wara li ġiet rinfaċċjata b'dan il-każ, u fl-ebda mument ma ppreżentat kontro-talba f'dan ir-rigward fil-konfront tar-rikorrent. Fin-nuqqas ta' kontro talba, il-Qorti ma tistax trebbaħ danni lill-intimata, kif qiegħda tippretendi illi għandu jsir.

74. Għaldaqstant, ikkunsidrat dak kollu kif fuq spjegat, il-Qorti ser tgħaddi biex tilqa' limitatament it-talba tar-rikorrenti, fejn tikkundanna lill-intimata tħallas l-ammont ta' €5,755 eskluż il-VAT, lir-rikorrent, għal xogħolijiet minnu magħmula u mhux imħallsa. Il-VAT kalkolabbli bir-rata ta' 18% fuq dan l-ammont huwa ta' €1,035.90. Għalhekk it-total dovut lir-rikorrent bil-VAT huwa ta' €6,790.90, b'dan illi r-rikorrenti għandu joħroġ riċevuta fiskali ladarba jirċievi tali ħlas.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali ppreżentati quddiemha;

Rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tar-rikorrenti u tal-intimata;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' l-intimata.

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet fil-mertu ta' l-intimata.

**Tilqa'** limitatament l-ewwel talba tar-rikorrenti kif ġej:

**Tilqa'** l-ewwel talba, tillikwida d-danni u tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti is-somma totali ta' **sitt elef, sebgħa mija u disgħin Euro u disgħin ċenteżmu (€6,790.90)**, li tikkonsisti fl-ammont ta' ħamest elef, seba' mija ħamsa u ħamsin Euro (€5,755) bħala bilanċ ta' xogħolijiet ta' kostruzzjoni u rikostruzzjoni fil-fond 72, Triq il-Vitorja Birkirkara, magħmula fuq inkarigu ta' l-istess intimata li saru u mhux imħallsa, u elf, ħamsa u tletin Euro u disgħin ċenteżmu (€1,035.90) bħala VAT bir-rata ta' 18% fuq tali xogħolijiet.

Bl-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċjali 3698 tas-sena 2015, u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv, ikunu a kariku ta' l-intimata.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur